MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 105/2014

**Paul Falzon (ID 143460M) bhala mandatarju**

**specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Miranda Fabian Gerard (Passport numru H7096610), u Arnold Ponce Payas (Passaport**

**numru EB0151768), Danilo Malayan Veltran (Passaport numru EB6757556), Archie Barlizo Adorable (Passaport numru EB5913728), Anantha Paleswara Behera (Passaport numru H7632612), Emmanuel Bajado Regalado (Passaport numru EB3400757), John Ventura Binas (Passaport numru EB7426721), Antonio Jr. G. Esporlas (Passaport numru EB7017214), Ernesto Jr. A Daludado (Passaport numru XXl770588), Conrado M. De Los Reves (Passaport numru EB2263463), Antonio Roldan Dacua (Passaport numru XX4225568), Kernel Parada Pascual (Passaport numru EB5499499), Nire Valmera Passaport numru EB6854325), Ronaldo Camara Aloc (Passaport numru 4696534), Roman M. Cristobal (Passaport numru XX3872568), Franco**

**Ranin Gudez (Passaport numru EB0597267), lluminado S. Deiparine (Passaport numru EB6340147), Octavio Arjona Atok (Passaport numru EB7377012), Roel Panesa (Passaport numru EB0791337), Mark John P. Bayot (Passaport numru Eb3055683), Jonathan M. Francisco (Passaport numru XX2908337), u Gil Almonte Sales (Passaport numru EB0930933)**

**-VS-**

**Il-Bastiment B LADYBUG (IMO 9445394)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Paul Falzon nomine et tas-6 ta' Frar, 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti rrendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat u ghadhom hekk qed irendu servizz u jaqdu d- dmirijiet taghhom abbord il-bastiment intimat fil-mori ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi l-bastiment intimat, li huwa proprjeta' tas-socjeta estera B Ladybug Coporation igib in-numru ufficcjali tal-IMO 9445394, ghandu tunnellagg gross ta' 72,408 tunellata u jtajjar il-bandiera tal-Panama;*

3. *Illi r-rikorrenti ghandhom jircievu minghand il-bastiment intimat ammonti konsiderevoli f'pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment u di piu' spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-imsemmua membri tal-ewkipagg, inter alia spejjez relatati mal-conveyance vessels u biljetti tal-ajru, hekk kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-kawza odjerna;*

4. *Illi r-rikorrenti interpellaw diversi drabi lill-bastiment intimat u lis-sidien tieghu sabiex ihallsu l-ammonti dovuti lill-istess rikorrenti izda dawn min- naha taghhom baqghu inadempjenti u dan anke wara li r-rikorrenti ottjenew decizjoni minn din l-Onorabbli Qorti ghaf-favur tar-rikorrenti datata 30 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet "Paul Falzon noe vs Il-bastiment B LADYBUG" (Citazzjoni Numru 972/2013 MCH);*

5. *Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 1476/2013 fl-ismijiet "Paul Falzon nomine vs il-bastiment B LADYBUG (IMO 9445394)", bil-ghan li jassiguraw li 1-bastiment intimat jibqa' f'Malta u hekk ikunu jistghu jipprocedu b'din l-istanza in rem kontra l-istess bastiment intimat (kopja tal-imsemmi mandat hawn annessa u mmarkata Dok. P1);*

6. *Illi r-rikorrenti nkorrew spejjez addizzjonali sabiex jinnotifikaw lill-bastiment intimat bil-mandat ta' arrest u digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, konsistenti f'servizz ta' kiri ta' lanca sabiex l-ufficjali inkarigati mill-Qorti jwasslu l-atti relattivi, ghal liema spejjez irid jaghmel tajjeb il-bastiment intimat;*

7. *Illi l-mandat ta' arrest kawtelatorju surreferit ghadu in vigore u ghaldaqstant il-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u taht il-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi per konsegwenza tal-inadempjenza tal-bastiment intimat, sahansitra wara d-decizjoni surreferita ta' din l-Onorabbli Qorti, r-rikorrenti huma kostretti jintavolaw l-proceduri odjerni ghal-hlas ta' pagi, salarji u ammonti ohra lilhom dovuti wara d-data tal-imsemmija decizjoni;*

9. *Illi r-rikorrenti jafu illi l-bastiment intimat u s-sidien tieghu ma ghandhom 1- ebda eccezzjoni valida x'jissollevaw u dawn tal-ahhar huma a konjizzjoni tal- fatti suesposti;*

*Ghaldaqstant, jghid il-bastiment intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:*

*1. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tar-rikorrenti ghall-pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment kif ukoll ghal spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti u kiri ta' lanec ghal finijiet ta' ripatrijazzjoni u notifiki ta' atti tal-Qorti;*

*2. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta' pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment bl-interessi legali mid-data minn meta l-pagi u salarji kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv;*

*3. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti ghal spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti;*

*4. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti rispettivament l-ammonti hekk likwidati fit-talbiet precedenti.*

*Bl-ispejjez,kontra l-bastiment intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi inkluz dik ghal danni, u ammonti ohra dovuti lir-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-bastiment intimat;

Rat in-nota tal-atturi tal-10 ta' Marzu 2014 u dokument anness;

Rat in-noti tal-atturi tas-27 ta' Marzu 2014 u dokumenti annessi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-bastiment intimat baqa' kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Hamis 27 ta' Marzu 2014, li bih akkordat lill-bastiment intimat terminu ta' gimgha sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l- bastiment intimat ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' Fabian Mirande, Master Mariner u Kaptan tal-bastiment intimat, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti , xhed illi huwa, flimkien mal-atturi kollha, kienu jifformaw membri tal-ekwipagg tal-bastiment intimat, u li kienu u ghadhom sal-gurnata tal-llum irendu servizz fuq il-bastiment B Ladybug. Ezebixxa bhala Dok.PF1 kopja tal-kuntratti tal-impjieg tal-atturi abbord il-bastiment B Ladybug u Dok. PF2 prospett tas-salarju, *bonuses*, *allowances*, tal-atturi, f'ammont ta' mitejn hamsa u tmenin elf, seba' mija, sebgha u hamsin Dollari Amerikani u disgha u ghoxrin centezmi (USD 285,757.29) ekwivalenti ghal mitejn u hamest elef, sitt mija erbgha u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€205,694.39). Kaptan Mirande xhed illi kien hemm tnejn u ghoxrin (22) membru tal-ekwipagg abbord li taghhom gew esebiti il-kuntratti Dok. PF1 minn fol. 62 u 63 . Kaptan Mirande iddikjara li l-bastiment kien igorr il-karozzi, kien twil mitejn tnejn u tletin (232) metri u kien suxxettibbli ghall-irjihat qawwija, u ghalhekk kien neccesarju li jkun hemm numru sostanzjali ta' ekwipagg abbord sabiex il-bastiment ma jkunx f'periklu. Huwa ikkonferma li dan il-bastiment kien pjuttost gdid ghaliex inbena fis-sena elfejn u hdax (2011). Kaptan Mirande xhed illi

huwa u l-ekwipagg kienu diga intavolaw proceduri quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, li permezz taghha gie kanonizzat l-ammont dovut f'pagi u salarji sal-20 t'Ottubru 2013, kif jirrizulta mis-sentenza datata 30 t'Ottubru 2013 vide fol. 25 fl-istess ismijiet deciza mill-Imhallef Mark Chetcuti.

Paul Falzon rapprezentant tal-International Transport Workers' Federation f'Malta xhed illi huwa kien gie ikkuntatjat mill-ekwipagg tal-bastiment B Ladybug li infurmawh bil-qaghda taghha u vioe li ma kienux qed jithallsu il-pagi taghhom u li xtaqu jirripartrijaw irwiehom.

Paul Falzon xhed illi meta l-atturi kitbu lis-socjeta' sid il-bastiment sabiex jigu mhallsa il-pagi taghhom, l-istess socjeta' infurmathom illi kienet tinstab fi problemi finanzjarji tant li ma kellhiex fondi sabiex thallas lil bahhrin. Tant hu hekk illi is-*sister ships* A Ladybug, D Ladybug, B Ladybug kienu kollha fl-ibhra territorjali ta' Malta u kienu qeghdin fl-istess qaghda bhal dik tal-bastiment odjern.

Falzon xhed illi is-socjeta' sid il-bastiment ma kienux qed iwiegbu *telephones* jew *emails* u kienet abbandunat totalment l-ekwipagg tal-bastiment intimat, tant illi ma kienux qeghdin jiffornu l-*bunkers* tal-bastiment li jinkludi l-ikel u ilma ghax-xorb lill-ekwipagg.

Illi l-Qorti rat Dok. PF2 illi juri s-somma totali ta' mitejn hamsa u tmenin elf, seba' mija, sebgha u hamsin Dollari Amerikani u disgha u ghoxrin centezmi (USD 285,757.29) ekwivalenti ghal mitejn u hamest elef, sitt mija erbgha u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€205,694.39). rapprezentanti salarji, allowances u spejjez tan-notifiki.

Illi il-Qorti rat u ezaminat is-sentenza tal-Qorti kif diversament preseduta, li permezz taghha gie kanonizzat l-ammont dovut f'pagi u salarji tal-istess ekwipagg sat-28 t'Ottubru 2013, kif

jirrizulta mis-sentenza datata 30 t'Ottubru 2013 vide fol. 25 tal-process, fl-istess ismijiet deciza mill-Imhallef Mark Chetcuti.

Illi peress illi l-Qorti derilha illi l-konteggi tal-pagi ma kienux isegwu ordnat lir-rikorrenti jipprezentaw nota spjegattiv ulterjuri guramentata u ordnat l-atti tal-process 972/2013/MCH jigu allegati mal-atti odjerni, dan sar kif jidher mill-atti minn fol 68 sa 128.

**Minn ezami akkurat tal-atti 972/2013/MCH** jirrizulta illi l-pagi u salarju mitluba f'dawk il-proceduri, **kienu ikopru l-perijodu ta' Mejju 2013 sat-28 t'Ottubru 2013** u kienu fl-ammont ta'  tlett mija tnejn u sebghin elf sebgha mija disgha u tletin Dollaru Amerika u disghin centezmu (USD 372, 739.90) ekwivalenti ghal mitejn disgha u sebghin elf, hames mija u sebgha Ewro u erbghatax- il centezmu (€279,507.14), **u mhux minn Dicembru 2012 sa Ottubru 2013**.

Illi ghalhekk il-konteggi ta' salarji u *allowances* dovuti kif jidhru minn Dok. PF2 a fol. 62 u 63 **f'dawn l-atti** jikkombacu ma dawk f'Dok. PF1 a fol. 23 tal-atti 972/2013/MCH.

Illi ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-bastiment intimat, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi  tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ghar-rigward ta' pagi, u salarji dovuti lir-rikorrenti bhala membri tal-ekwipagg inkluz spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti, kiri ta' lanec ghal-finijiet ta' ripatrijazzjoni u notifiki tal-Qorti f'ammont ta' mitejn hamsa u tmenin elf, seba' mija, sebgha u hamsin Dollari Amerikani u disgha u ghoxrin centezmi (USD 285,757.29) ekwivalenti ghal  mitejn u hamest elef, sitt mija erbgha u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€205,694.39),  u tikundanna lil bastiment intimat ihallas is-somma f'ammont ta' mitejn hamsa u tmenin elf, seba' mija, sebgha u hamsin Dollari Amerikani u disgha u ghoxrin centezmi (USD 285,757.29)

ekwivalenti ghal  mitejn u hamest elef, sitt mija erbgha u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€205,694.39).

Bl-ispejjez kif mitluba mill-istess rikorrenti  kontra l-bastiment intimat.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------